**Rikors ippreżentat fis-7 ta’ Lulju 2023 – Washtower IP vs EUIPO – LG Electronics (WASHTOWER)**

**(Kawża T-376/23)**

(2023/C 296/49)

*Lingwa tar-rikors: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Washtower IP BV (Hengelo, il-Pajjiżi Baxxi) (rappreżentant: L. Fresco, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* LG Electronics, Inc. (Seul, ir-Repubblika tal-Korea t’Isfel)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Proprjetarju tat-trade mark kontenzjuża:* ir-rikorrenti

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* it-trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea “WASHTOWER” – Trade mark tal-Unjoni Ewropea Nru 18 193 675

*Proċedimenti quddiem l-EUIPO:* proċedimenti ta’ kanċellazzjoni

*Deċiżjoni kkontestata:* id-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tas-26 ta’ April 2023 fil-Każ R 412/2022-5

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata u tiċħad il-proċedimenti ta’ kanċellazzjoni ta’ LG Electronics jew, fl-alternattiv, tannulla dik id-deċiżjoni u tibgħat il-kawża lura quddiem il-Bord tal-Appell għal kunsiderazzjoni mill-ġdid;

— tikkundanna lill-EUIPO u lill-parti l-oħra fil-proċeduri għall-ispejjeż rispettivi tagħhom kif ukoll għal dawk tar-rikorrenti.

**Motivi invokati**

— Ksur tal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;

— Ksur tal-Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

---

**Rikors ippreżentat fit-12 ta’ Lulju 2023 – Ergotopia vs EUIPO (WellBack)**

**(Kawża T-388/23)**

(2023/C 296/50)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Ergotopia (Darmstadt, il-Ġermanja) (rappreżentant: A. Biesterfeld-Kuhn, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tat-trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea WellBack – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 18 682 838